



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-185/14

“EasyPay” AD

u

“Finance Engineering” AD  
vs  
Ministerski savet na Republika Bulgaria  
u  
Natsionalen osiguritelen institut

(talba għal deċiżjoni preliminari imressqa mill-Varhoven administrativen sad)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Servizz ta’ ħlas postali — Direttiva 97/67/KE — Kamp ta’ applikazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti dritt eskluż għall-għoti tas-servizz ta’ ħlas postali — Għajnuna mill-Istat — Attività ekonomika — Servizzi ta’ importanza ekonomika ġenerali”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-22 ta’ Ottubru 2015

1. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Servizzi postali — Direttiva 97/67 — Kamp ta’ applikazzjoni — Servizzi ta’ ħlas postali — Esklużjoni*

*(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/67)*

2. *Kompetizzjoni — Regoli tal-Unjoni — Impriża — Kunċett — Organu postali inkarigat mill-ħlas postali tal-pensjonijiet tal-irtirar — Esklużjoni — Kundizzjoni — Attività marbuta b'mod inseparabbi mal-funzjonament tas-sistema tal-irtirar — Evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali*

*(Artikolu 107(1) TFUE)*

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Miżuri intiżi sabiex jikkumpensaw l-ispejjeż tal-missjonijiet ta’ servizz pubbliku sostnuti minn impriża — Esklużjoni — Kundizzonijiet stipulati fis-sentenza Altmark — Evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali*

*(Artikolu 107(1) TFUE)*

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Kumpens għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-funzjoni ta’ servizz pubbliku — Applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2012/21 għal sistemi ta’ għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħi tal-imsemmija deċiżjoni — Portata*

*(Artikolu 106(2) TFUE; Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2005/842 u 2012/21, Artikoli 2(2), 10, 11, 12)*

1. Id-Direttiva 97/67, dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz kif emadata bid-Direttiva 2008/6, għandha tīgħi interpretata fis-sens li servizz ta' ħlas postali li permezz tiegħu l-kunsinnatur jibgħat somom ta' flus lil destinatarju, permezz tal-intermedjarju tal-operatur responsabbli mis-servizz postali universali, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fil-fatt, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 97/67 jelenka b'mod eżawrjenti s-servizzi li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "servizz postali" fis-sens ta' din id-direttiva u il-punt 6 ta' dan l-artikolu jiddeskrivi b'mod dettaljal dak li għandu jinfiehem b"oggħett postali" fis-sens ta' din id-direttiva. Issa, la l-Artikolu 2 u lanqas kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 97/67 ma jsemmu s-servizzi finanzjarji, inklużi dawk ipprovdu b'mod addizzjonali mill-fornituri tas-servizzi postali.

(ara l-punti 29, 30, 33 u d-dispożittiv 1)

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, minn naħa, tikkostitwixxi impriża kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatut ġuridiku tagħha u mill-mod ta' finanzjament tagħha. Min-naħa l-oħra, tikkostitwixxi attività ekonomika, kull attività li toffri beni jew servizzi fuq partikolari.

Mill-banda l-oħra, l-attività tal-organi li jipparteċipaw fil-ġestjoni tas-servizz pubbliku tas-sigurtà soċjali li jaqdu funzjoni ta' natura eskluziżvament soċjali ma tikkostitwixxix attività ekonomika. Din l-attività hija, fil-fatt, ibbażata fuq il-prinċipju ta' solidarjetà u hija nieqsa minn kull għan ta' profit. Is-servizzi mogħtija huma servizzi legali u indipendent mill-ammont ta' kontribuzzjonijiet.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-attività ta' organu postali, li tiżgura l-ħlas ta' pensjonijiet tal-irtirar, tikkostitwixxix attività ekonomika li taqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFUE, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk din l-attività tipparteċipax fil-funzjonament tas-servizz pubbliku tas-sigurtà soċjali. F'dan il-kuntest, sabiex il-klassifikazzjoni bħala attività ekonomika tīgħi skartata, din l-attività għandha, min-natura tagħha, mill-għan tagħha u kif ukoll mir-regoli li għalihom hija suġġetta, tkun marbuta b'mod inseparabbi mas-sistema nazzjonali tal-irtirar. F'dan ir-rigward, il-fatt li organu postali j'intervjeni biss sabiex jiżgura l-ħlas tal-pensjonijiet tal-irtirar u li l-ħlas ta' dawn il-pensjonijiet jista' jsir minn stabbilimenti bankarji, b'mod li l-ħlasijiet postali ma humiex l-uniku mezz ta' ħlas tal-pensjonijiet tal-irtirar, jikkostitwixxi indizju li jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-attività tal-ħlas postali li permezz tagħha jitħallsu l-pensjonijiet tal-irtirar tista' tkun isseparata mis-sistema nazzjonali tal-irtirar.

(ara l-punti 37-43)

3. L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn l-attività ta' ħlas postali li tippermetti l-ħlas tal-pensjonijiet tal-irtirar tikkostitwixxi attività ekonomika, xorta waħda ma jaqax taħt din id-dispożizzjoni l-ġhoti minn Stat Membru tad-dritt eskużiż ta' ħlas tal-pensjonijiet tal-irtirar permezz ta' ħlas postali lil operatur postali nazzjonali, sa fejn dan is-servizz jikkostitwixxi servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li l-kumpens għalih jirrappreżenta l-korrispettiv tas-servizzi mogħtija minn din l-impriża sabiex teżegwixxi l-obbligu tagħha ta' servizz pubbliku.

(ara l-punti 56 u d-dispożittiv 2)

4. Fil-qasam tal-ġħajjnuna mill-Istat, mill-Artikoli 11 u 12 tad-Deċiżjoni 2012/21, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ġħajjnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, jirriżulta li din tal-aħħar tħassar id-Deċiżjoni 2005/842 u tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2012. L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2012/21 jipprevedi li s-sistemi tal-ġħajjnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmija deċiżjoni, li kienu kompatibbli mas-suq intern u eżenti mill-obbligu ta' notifika fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2005/82, jibqgħu kompatibbli mas-suq intern u

jibqgħu eżenti mill-obbligu ta' notifika minn qabel għal perijodu addizzjonali ta' sentejn, jiġifieri sal-31 ta' Jannar 2014. B'effett minn din id-data, sistema ta' għajjnuna mill-Istat għandha tosserva l-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2012/21 sabiex tkun tista' tīgi eżentata mill-obbligu ta' notifika.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 2012/21, fil-każ fejn fornitur ta' servizzi jkun ilu iktar minn għaxar snin jiġiestixxi servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, din id-deċiżjoni tapplika biss sa fejn dan il-fornitur kelli jaċċetta li jagħmel investimenti kbar sabiex ikun jista' jaqdi l-obbligu tiegħu ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, evalwazzjoni li għandha ssir mill-qorti nazzjonali.

(ara l-punti 53-55)